MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 1303/2003

**Grace mart Emanuel Pisani**

**vs**

**Carmelo sive Charles Camilleri u Grazio Camilleri**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ta’ Grace mart Emanuel Pisani li permezz taghha, wara li gie premess illi:

Fid-9 ta’ Gunju, 1999 mietet Giovanna Camilleri, mart il-konvenut Grazio Camilleri, gja armla ta’ Giuseppe Camilleri u omm l-attrici imwielda fiz-zwieg ta’ l-istess Giovanna Camilleri mal-imsemmi Giuseppe Camilleri kif ukoll omm il-konvenut Carmelo sive Charles Camilleri imwieled fiz-zwieg taghha mal-konvenut Grazio Camilleri.

In forza ta’ testment in atti n-Nutar Dottor Carmelo Lia tat-28 ta’ Gunju 1995, maghmul minn Giovanna Camilleri u l-konvenut Grazio Camilleri, filwaqt illi Giovanna Camilleri halliet b’legat l-uzufrutt ta’ gidha lil zewgha Grazio Camilleri l-istess Giovanna u Grazio Camilleri hallew b’legat lill-konvenut binhom Carmelo Camilleri d-dar numru 136 fi Triq il-Kbira, Zabbar, u lill-attrici l-garage numru 8 fi ‘drive-in’ fi Triq il-Biccieni, Zabbar, b’dan illi l-konvenut Carmelo Camilleri u l-attrici gew nominati eredi t-tnejn tal-imsemmija Giovanna Camilleri.

B’rizultat tad-dispozizzjonijiet testmentarji fuq riferiti kif maghmula minn omm l-attrici gie vjolat l-Artikolu 604 tal-Kodici Civili fis-sens illi l-konvenut Carmelo Camilleri bhala wild tat-tieni zwieg ta’ Giovanna Camilleri jigi li ser jipprecepixxi mill-wirt ta’ ommu aktar minn dak li ser jigi percepit mill-attrici bhala wild tal-ewwel zwieg ta’ ommha.

Illi l-attrici tixtieq li ssir id-divizjoni skond il-ligi ta’ l-assi ereditarju ta’ ommha.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tillikwida l-assi ereditarju ta' omm l-attrici Giovanna Camilleri.

2. Tiddikjara u tiddeciedi li bit-testment maghmul in atti n-Nutar Dottor Carmelo Lia fit-28 ta' Gunju, 1995, fuq citat, gie vjolat l-Artikolu 604 tal-Kodici Civili ghar-raguni li l-konvenut Carmelo Camilleri ma jistax skond il-ligi jeppercepixxi mill-wirt ta' ommu Giovanna Camilleri aktar minn dak li ser jigi percepit mill-attrici;

3. Tordna li ssir id-divizjoni skond il-ligi ta' l-assi ereditarju ta' omm l-attrici, b'mod egwali mill-istess assi; u

4. Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jircevi l-att opportun ta' divizjoni u kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fl-att relattiv;

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Novembru, 2002 kontra l-konvenuti li jibqghu ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Carmelo sive Charles Camilleri u Grazio Camilleri li in forza taghha eccepew illi:

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi m'huwiex minnu illi hija irceviet inqas mill-konvenuti kif se jkun ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

In kwantu ghall-konvenut Grazio Camilleri huwa ircieva biss l-uzufrutt *vita durante* ta’ sehem il-mejta martu, liema dritt ma jeccedix dak li wirtet l-attrici u kwindi ma giex vjolat l-Artikolu 604(1) tal-Kodici Civili.

In kwantu ghal konvenut Carmelo sive Charles Camilleri, huwa ippercepixxa l-legat minghand ommu bhala kumpens ghal servigi li rrenda lil mejta ommu ghal hafna snin tul hajjitha kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bla pregudizzju ghas-suespost it-testment *de quo* tat-28 ta’ Gunju 1995 ma jistax jigi dikjarat null u dan stante illi l-attrici ma ghamlet l-ebda talba f’dan is-sens u wkoll il-likwidazzjoni tal-assi ta’ Giovanna Camilleri u dan stante l-fatt illi l-attrici naqset illi titlob nomina ta’ perit tekniku ghal dan l-iskop;

Di più, l-attrici giet kompensata ampjament minghand ommha billi inghatat minn din tal-ahhar somma flus amontati circa tmint elef lira Maltin (Lm8000).

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta moghti fl-24 ta’ Gunju 2004 li permezz tieghu nhatru l-Avukat Mark Chetcuti u l-Perit Martin Attard Montalto biex jirrelataw dwar il-kawza.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta li permezz tieghu il-perit arkitett gie sostitwit u nhatar minfloku l-Perit Joseph Ellul Vincenti.

Rat ir-rapport tal-fuq imsemmi perit tekniku, minnu konfermat bil-gurament fl-14 ta' Marzu 2008.

Rat ir-rikors tal-perit legali li permezz tieghu huwa rritorna l-inkartament lill-Qorti peress illi, ghalkemm kien gie nfurmat li l-partijiet qed jippruvaw jittrensigu l-kawza, huwa baqa' ma sema xejn.

Rat illi fis-26 ta' Dicembru 2007 gie nieqes il-konvenut Grazio Camilleri.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Marzu 2012 li permezz tieghu, wara giet prezentata d-dokumentazzjoni rikjesta, giet ordnata t-trasfuzjoni tal-gudizzju fil-persuna ta' Carmelo Camilleri.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici.

Rat li ma saret ebda nota responsiva mill-konvenut.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza l-attrici qed titlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti illi t-testment ta' ommha Giovanna Camilleri jikser l-Artiklu tal-Kodici Civili li jipprovdi illi wild tat-tieni zwieg ma jistax jibbenefika mill-wirt tal-genitur aktar minn wild tal-ewwel zwieg. Qed titlob rimedji ghal dan. Il-konvenut jilqa' ghall-kawza billi jsostni li huwa rrenda servigi lil ommu kif ukoll li l-attrici irceviet ammont ta' flus mill-omm qabel din giet nieqsa.

Jirrizulta illi l-attrici hija bint Giovanna Camilleri u Giuseppe Camilleri. Giuseppe Camilleri gie nieqes meta l-attrici kellha sitt snin u xi sentejn wara Giovanna Camilleri izzewget lil Grazio Camilleri. Minn dan iz-zwieg twieled il-konvenut Carmelo Camilleri. Matul dan it-tieni zwieg, inxtraw zewg proprjetajiet, garage u dar.

Giovanna Camilleri u Grazio Camilleri, f'testment datat 28 ta' Gunju 1995 ipprovdew illu b'titolu ta' legat Carmelo Camilleri ghandu jircievi d-dar 36, Triq il-Kbira, Zabbar u l-attrici tircevi l-garage 8, Triq il-Biccieni, Zabbar. Giovanna Camilleri mietet fid-9 ta' Gunju 1999. Wara mewtha, zewgha hassar it-testment li kien ghamel maghha u halla bhala eredi universali tieghu lil ibnu Carmelo. B'dan irrizulta illi l-attrici baqghet intitolata biss ghal nofs il-garage kif imholli lilha minn ommha.

Fil-mument tal-mewt ta' Giovanna Camilleri, il-ligi permezz tal-Art. 641(1) kienet tipprovdi s-segwenti:

> *"Min, fost ir-ragel u l-mara, li, meta ghandu tfal jew dixxendenti bhal ma jinghad fl-artikolu 639, ighaddi ghal tieni zwieg jew ghal zwieg iehor, ma jistax ihalli lill-mara*

*jew lir-ragel ta' l-ahhar, jew lil xi wiehed mit-tfal tat-tieni zwieg jew ta' zwieg iehor, izjed minn dak li jkun sejjer jiehu l-anqas favorit fost it-tfal taz-zwieg ta' qabel."*

Skond ir-relazzjoni tal-perit arkitett mahtur minn din il-Qorti, id-dar li wiret il-konvenut kellha fl-1999, data tal-mewt tal-omm, valur ta' Lm60,000, filwaqt li l-garage kellu valur ta' Lm3000. Il-Qorti qeghda taddotta l-valuri in relazzjoni mad-data tal-mewt ta' Giovanna Camilleri ghaliex kien precizament mal-mewt tal-omm li twieled id-dritt ta' azzjoni tal-attrici (ara Deguara vs Calleja et – 3 ta' Ottubru 2003). Kif inhu risaput, f'materji ta' natura teknika, il-Qorti, ghalkemm m'hijiex marbuta bil-konkluzjonijiet ta' perit minnha stess mahtur, ma tistax tiskarta l-istess konkluzjonijiet sakemm ma jingabux lilha ragunijiet serji biex taghmel hekk. F'dan il-kaz ma ngabet lill-Qorti ebda raguni li twassalha biex tiskarta dawn il-valuri kif certifikati mill-perit arkitett.

Fid-dawl ta' dawn il-valutazzjonijiet, ghalhekk, jirrizulta illi, bir-rizultat tat-testment ahhari tal-missier, il-konvenut ippercepixxa mill-assi tal-omm is-sehem kollu tal-istess omm mid-dar, b'valur ta' Lm30,000. Peress illi l-omm kellha biss nofs il-garage, l-attrici spiccat wirtet biss dak in-nofs, b'valur ta' Lm1500. Il-Qorti qed taddotta bhala bazi l-valur tal-immobbli in relazzjoni mas-sena 1999 li kienet id-data tal-mewt ta' Giovanna Camilleri. Dan il-valur qeghda tawmentah *arbitrio boni viri* bi 15% stante t-trapass ta' zmien.

Ir-referenza fin-nota tal-eccezzjonijiet ghall-uzufrutt ta' Grazio Camilleri giet ezawrita stante l-mewt tal-istess Grazio Camilleri fil-mori tal-kawza.

Il-konvenut, fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu isemmi li huwa rrenda servigi lid-defunta ommu. Ta’ dan ma gab ebda prova, lanqas b’semplici affidavit tieghu stess. L-istess kif ma ressaq ebda prova dwar l-allegazzjoni tieghu li l-attrici kienet irceviet xi flus minghand ommha. Ghalhekk il-Qorti qeghda tiskarta l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijet, tilqa’ t-talbiet tal-attrici u tiddikjara li bit-testment ta’ Giovanna Camilleri sehhet vjolazzjoni tal-Art. 641(1) tal-Kodici Civili. Il-Qorti tordna ghalhekk li Carmelo sive Charles Camilleri ghandu jhallas lil Grace Pisani s-somma ta’ €80,385 ekwivalenti ghal Lm34,500 biex taghmel tajjeb ghas-sehem spettanti lilha mid-dar. Inoltre il-Qorti tordna wkoll il-bejgh b’irkant tal-garage 8, fi drive-in Triq il-Biccieni, Zabbar u r-rikavat mill-istess bejgh jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Carmelo sive Charles Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------